Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2952

2.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2952

tad-29 ta' Novembru 2024

li tistabbilixxi mudell komuni u formati elettroniċi tar-rapportar għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata fir-rapporti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48c(4) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, l-Istati Membri jridu jirrikjedu li l-impriżi jfasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu fir-rigward ta' din tal-aħħar missentejn finanzjarji konsekuttivi li f'kull waħda minnhom id-dħul konsolidat fid-data tal-karta bilanċjali tagħhom ikun qabeż total ta' EUR 750 000 000.

(2) F'konformità mal-Artikolu 48b(3), l-impriżi jew l-impriżi affiljati tagħhom li jiddivulgaw ċerti rapporti f'konformità mal-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), mhumiex koperti mill-obbligu fl-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE.

(3) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti msemmija fl-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jkunu komparabbli, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'dan ir-Regolament mudell komuni u formati elettroniċi tar-rapportar, li jenħtieġ li jkunu jinqraw mill-magni. Dawk il-mudelli u l-formati elettroniċi tar-rapportar għandhom ikunu applikabbli wkoll f'każijiet fejn impriża tiddependi fuq indikatur irregolat mil-liġi ta' Stat Membru biex tippubblika u tagħmel aċċessibbli r-rapport tagħha rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu.

(4) Il-mudell komuni previst f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffaċilita l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu skont l-Artikolu 48c, il-paragrafi 2 u 3 tad-Direttiva 2013/34/UE. Fit-tfassil tal-mudell u l-formati tar-rapportar, ġie kkunsidrat il-progress fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni ppubblikata mill-impriżi.

([1]) ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj.
([2]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).

(5) XHTML (Extensible Hypertext Markup Language) hija tip ta' lingwa ta' mark-up pożittiva li hija awtorizzata għall-immarkar tar-rapporti finanzjarji annwali ta' emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq regolati tal-UE skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 ([3]) dwar format elettroniku uniku għar-rapportar. XHTML għandu l-mandat ukoll għad-dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà li għandhom jitfasslu minn ċerti impriżi skont id-Direttiva 2013/34/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 ([4]) fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà. Għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, ir-rapporti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu msemmija fl-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jitfasslu wkoll fil-format XHTML.

(6) XBRL (Extensible Business Reporting Language) hija lingwa mark-up li tinqara mill-magni li tippermetti l-konsum awtomatizzat ta' ammont kbir ta' informazzjoni, filwaqt li tiżgura l-aċċessibbiltà u l-komparabbiltà tad-*data*. XBRL stabbilita sew u qed tintuża f'diversi ġuriżdizzjonijiet. Il-XBRL Inline huwa standard miftuħ li jippermetti l-inkorporazzjoni tal-markaturi XBRL fid-dokumenti XHTML. Il-XBRL Inline tippermetti kemm il-leġġibbiltà umana kif ukoll dik tal-magna. Għaldaqstant, ir-rapporti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu msemmija fl-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jiġu mmarkati bl-użu tal-istandard tal-XBRL inline.

(7) L-użu tal-lingwaġġ XBRL għall-immarkar jinvolvi l-applikazzjoni ta' tassonomija biex informazzjoni li tinqara mill-bniedem tiġi kkonvertita f'informazzjoni li tinqara mill-magni. Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-użabbiltà tad-*data* ddivulgata fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u ppreżentata bl-użu tal-mudell komuni u l-formati elettroniċi tar-rapportar, jenħtieġ li tali tassonomija komuni tispeċifika l-elementi tad-*data* li għandhom jiġu mmarkati, filwaqt li tqis leġiżlazzjoni oħra tal-UE relatata mar-rapportar pajjiż b'pajjiż. Il-ġerarkija tal-elementi u t-tip ta' *data* xierqa tagħhom tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi f'forma sempliċi li tista' tinqara mill-bniedem f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li impriża tiżgura li l-informazzjoni kollha meħtieġa mid-Direttiva u ddivulgata fir-rapport tiġi mmarkata, meta tikkorrispondi għal elementi stabbiliti fit-tassonomija ewlenija.

(8) L-impriżi jistgħu jfasslu r-rapport sabiex l-informazzjoni meħtieġa tiġi rrapportata abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rapportar għal finijiet ta' taxxa msemmija fit-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([5]). F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-impriżi jiżguraw li l-istruzzjonijiet ta' rapportar jiġu applikati b'mod konsistenti għall-informazzjoni kollha fir-rapport. Jenħtieġ li l-mudell tar-rapportar jippermetti lil kull impriża tispeċifika jekk ir-rapport ikunx tħejja abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rapportar imsemmija fit-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE.

(9) Impriża omm apikali jew impriża awtonoma li mhijiex regolata mil-liġi ta' Stat Membru u li tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku rapport f'konformità mal-Artikolu 48b(6) tad-Direttiva 2013/34/UE mhijiex taħt obbligu li tuża l-mudell u l-formati elettroniċi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 48b(6), impriża omm apikali jew impriża awtonoma mhux irregolata mil-liġi ta' Stat Membru jenħtieġ li tagħmel ir-rapport tagħha aċċessibbli f'format li jinqara mill-magni u tidentifika fih sussidjarja jew fergħa unika rregolata mil-liġi ta' Stat Membru li jkun ippubblika rapport f'dak l-Istat Membru. Madankollu, ma hemm l-ebda impediment għal impriża omm apikali jew impriża awtonoma li mhijiex regolata mil-liġi ta' Stat Membru u s-sussidjarja jew il-fergħa unika identifikata tagħha rregolata mil-liġi ta' Stat Membru biex tfassal ir-rapport f'konformità mal-mudell u l-formati elettroniċi stabbiliti minn dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/815/oj).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà korporattiva (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj).

(10) Skont l-Artikolu 48b(4) tad-Direttiva 2013/34/UE, xi impriżi sussidjarji ta' daqs medju u kbir li huma rregolati mil-liġijiet nazzjonali ta' Stat Membru u li huma kkontrollati minn impriża omm apikali li ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru, fejn id-dħul konsolidat fid-data tal-karta bilanċjali tagħha qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' EUR 750 000 000, huma mitluba li jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li jikkonċerna dik l-impriża omm apikali fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi. Jekk l-impriża omm apikali ma tipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa, dawk is-sussidjarji huma meħtieġa wkoll ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali tagħhom ma tkunx għamlet l-informazzjoni meħtieġa disponibbli. Meta jfasslu tali rapporti u dikjarazzjonijiet, jenħtieġ li dawk is-sussidjarji ma jkunux koperti mill-obbligu li jużaw il-mudell komuni u l-format elettroniku għar-rapportar stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(11) Skont l-Artikolu 48b(5) tad-Direttiva 2013/34/UE, xi fergħat miftuħa fi Stat Membru minn impriżi li ma jkunux regolati mil-liġi ta' Stat Membru huma meħtieġa li jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li tikkonċerna l-impriża omm apikali jew l-impriża awtonoma msemmija fil-punt (a) tas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 48b(5) ta' dik id-Direttiva, fir-rigward tal-aħħar sena tal-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi. Jekk l-impriża omm apikali jew awtonoma ma tipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa, dawk il-fergħat għandhom ikunu meħtieġa wkoll ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali jew awtonoma ma tkunx għamlet l-informazzjoni meħtieġa disponibbli. Meta jfasslu tali rapporti u dikjarazzjonijiet, jenħtieġ li dawk il-fergħat ma jkunux koperti mill-obbligu li jużaw il-mudell komuni u l-format elettroniku għar-rapportar stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(12) Skont l-Artikolu 48 g tad-Direttiva 2013/34/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva li tirrapporta rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu japplikaw, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda fit-22 ta' Ġunju 2024 jew wara. Sabiex jingħata biżżejjed żmien lill-impriżi biex jimplimentaw il-mudell komuni u l-formati elettroniċi tar-rapportar imsemmija fl-Artikolu 48c(4) tad-Direttiva 2013/34/UE u stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa meħtieġ perjodu ta' tranżizzjoni.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Direttorjali tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-mudell komuni u l-formati elettroniċi tar-rapportar, imsemmija fl-Artikolu 48c(4) tad-Direttiva 2013/34/UE, li għandhom jintużaw għall-preżentazzjoni tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-defnizzjonijiet li ġejjin:

(1) "rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu" tfisser rapport imfassal, ippubblikat u magħmul aċċessibbli skont l-Artikolu 48b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, u li jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 48c, il-paragrafi (2) u (3);

(2) "tassonomija ewlenija" ifisser is-sett ikkombinat ta' elementi tassonomiċi stipulati fit-tabella 2 tal-Anness IV u l-ġabra ta' links segwenti:

(a) bażi ta' links ta' preżentazzjoni, li jiġbor l-elementi tassonomiċi;

(b) bażi ta' links ta' kalkolu, li jesprimu r-relazzjonijiet aritmetiċi bejn l-elementi tassonomiċi;

(c) bażi ta' links ta' tikketta, li jiddeskrivu t-tifsira ta' kull element tassonomiku;

(d) bażi ta' links ta' definizzjoni, li jirriflettu r-relazzjonijiet dimensjonali tal-elementi tassonomiċi ewlenin;

(3) "Format XHTML" tfisser tip standard ta' format bl-Hypertext Markup Language (HTML) li jikkonforma mal-Extensible Hypertext Markup Language (XHTML);

(4) "XBRL Inline" tfisser speċifikazzjoni tal-istandard eXtensible Business Reporting Language (XBRL) żviluppat minn XBRL International.

Artikolu 3

Mudell komuni

L-impriżi għandhom jiżguraw li l-preżentazzjoni viżiva u l-kontenut tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Anness I.

Artikolu 4

Format tar-rapportar elettroniku u regoli dwar il-mark-ups

1. Meta jfasslu r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, l-impriżi għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) l-użu tal-format XHTML u l-inkorporazzjoni tal-markaturi bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Inline XBRL, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet XBRL applikabbli stabbiliti fl-Anness II;

(b) il-mark-up pożittiva tad-divulgazzjonijiet tal-informazzjoni bl-użu tat-tassonomija ewlenija bl-elementi elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness IV, f'konformità mar-rekwiżiti tal-marġni kummerċjali u tal-preżentazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, l-impriżi jistgħu jimmarkaw id-divulgazzjonijiet tal-informazzjoni bl-użu tat-tassonomija ewlenija bl-elementi elenkati fit-Tabella 3 tal-Anness IV.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-impriżi għandhom japplikaw dan ir-Regolament għal rapporti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell komuni għar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu

RAPPORT DWAR INFORMAZZJONI DWAR IT-TAXXA KORPORATTIVA FUQ L-INTROJTU

f'konformità mal-Kapitolu 10a tad-Direttiva 2013/34/UE

("rappurtar pajjiż b'pajjiż")

Struzzjonijiet ġenerali ta' rapportar:

L-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 48c tad-Direttiva 2013/34/UE għandha tiġi ppreżentata viżwalment skont l-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti f'dan il-mudell. Informazzjoni addizzjonali tista' tiġi żvelata fir-rapport, kemm jekk fil-forma ta' test, immaġnijiet jew mezzi oħra.

Taqsima 1

Informazzjoni ġenerali

Isem il-kumpanija prinċipali aħħarija tal-grupp / tal-impriża awtonoma	...
Pajjiż fejn il-kumpanija omm apikali għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha	...
Sena Finanzjarja – data tal-bidu	...
Sena Finanzjarja – data tat-tmiem	...
Munita tar-rapportar	...
L-informazzjoni fir-rapport hija bbażata fuq l-istruzzjonijiet ta' rapportar użati għal finijiet ta' taxxa, skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva 2011/16/UE (iva/le)?	...

Struzzjonijiet speċifiċi ta' rapportar għat-Taqsima 1

L-isem tal-kumpanija omm apikali tal-grupp/tal-intrapriża awtonoma għandu jikkorrispondi għall-isem ipprovdut fl-istatuti jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-impriża li magħha huwa relatat ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu.

Jekk l-istruzzjonijiet ta' rapportar skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill2011/16/UE ntużawx bħala bażi għat-tfassil tar-rapport, skont l-Artikolu 48c(3) tad-Direttiva 2013/34/UE, dan għandu jiġi indikat. Fil-mudell dan isir billi tiġi ddikjarata "iva" jew "le" fil-kaxxa xierqa. Fil-każ fejn impriża li tirrapporta tagħżel li tapplika dawk l-istruzzjonijiet, dawn għandhom japplikaw b'mod konsistenti għat-Taqsimiet 2 u 3. Dawn l-istruzzjonijiet ta' rapportar iqisu l-istandards tal-OECD fir-rigward tal-azzjoni 13 tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS).

Taqsima 2

Ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż

Ġurisdizzjoni fiskali	Kodiċi tal-pajjiż	Dħul	Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu	Taxxa fuq l-introjtu mħallsa – fuq bażi ta' flus kontanti	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata – sena kurrenti	Qligħ akkumulat	Numru ta' impjegati
1. Isem sħiħ tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni A fil-qasam tat-taxxa							
2. Isem sħiħ tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni B fil-qasam tat-taxxa							
3. ...							
Il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra kollha fil-qasam tat-taxxa (bażi aggregata)	-						

Struzzjonijiet speċifiċi ta' rapportar għat-Taqsima 2

Fit-Tabella, linja partikolari għandha tikkorrispondi għal Stat Membru partikolari jew għal ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa partikolari, inkluż pajjiż fiż-Żona Ekonomika Ewropea għajr Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, skont il-mandat tal-liġi nazzjonali applikabbli.

Ħafna kolonni addizzjonali jistgħu jiżdiedu kif meħtieġ fuq in-naħa tal-lemin tat-tabella, għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li impriża li tirrapporta tista' tiddivulga.

L-informazzjoni meħtieġa mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 48c(5) tad-Direttiva 2013/34/UE għandha tiġi ppreżentata f'konformità mal-intestatura "Il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra kollha fil-qasam tat-taxxa (bażi aggregata)". L-informazzjoni għandha tiġi ddivulgata bħala ċifra żero jew "żero" jekk il-ġuriżdizzjonijiet iddivulgati linja b'linja jkopru l-attivitajiet kollha tal-impriża indipendenti li tirrapporta jew tal-impriża omm apikali.

L-ammonti għandhom jiġu rrapportati lill-unità mingħajr skalar applikat, u bi preċiżjoni meqjusa xierqa mill-impriża li tirrapporta. Pereżempju, dħul ta' EUR 1 234 567,89 jiġi rrapportat bħala EUR 1 234 568 (sal-unità li jmiss, l-ebda skalar). Bi preċiżjoni sal-eqreb EUR 1 000, l-ammont jiġi rrapportat bħala EUR 1 235 000.

Każ fejn ir-rapport ma jkunx ibbażat fuq l-istruzzjonijiet ta' rapportar għal finijiet ta' taxxa skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva 2011/16/UE:

— Id-dħul f'ġuriżdizzjoni għandu jiġi rrapportat b'ammonti pożittivi. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm dħul negattiv ġenerali f'dik il-ġuriżdizzjoni, dan għandu jiġi rrapportat b'ammonti negattivi.

— Il-profitt qabel it-taxxa fuq l-introjtu f'ġuriżdizzjoni għandu jiġi rrapportat b'ammonti pożittivi. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm telf ġenerali qabel it-taxxa f'dik il-ġuriżdizzjoni, dawn għandhom jiġu rrapportati b'ammonti negattivi.

— It-taxxa fuq l-introjtu mħallsa fuq bażi ta' flus kontanti f'ġuriżdizzjoni għandha tiġi rrapportata b'ammonti pożittivi. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm rifużjoni netta ġenerali tat-taxxa fuq l-introjtu f'dik il-ġuriżdizzjoni, jew meta r-rifużjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu jkunu qabżu l-pagamenti tat-taxxa fuq l-introjtu fl-istess sena finanzjarja, it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa (fuq bażi ta' flus kontanti) għandha tiġi rrapportata b'ammonti negattivi.

— Taxxa fuq l-introjtu akkumulata – matul is-sena kurrenti f'ġuriżdizzjoni għandha tiġi rrapportata b'ammonti pożittivi meta din tikkorrispondi għal spiża tat-taxxa dovuta globali f'dik il-ġuriżdizzjoni. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm kreditu ta' taxxa akkumulat globali f'dik il-ġuriżdizzjoni, l-ammonti għandhom jiġu rrapportati b'ammonti negattivi.

— Il-qligħ akkumulat f'ġuriżdizzjoni għandu jiġi rrapportat b'ammonti pożittivi meta jkun hemm profitti netti akkumulati b'mod ġenerali f'dik il-ġuriżdizzjoni. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm telf akkumulat nett kumplessiv f'ġuriżdizzjoni, il-qligħ akkumulat għandu jiġi rrapportat b'ammonti negattivi.

— L-għadd ta' impjegati f'ġuriżdizzjoni għandu jiġi rrapportat b'ammonti pożittivi. Id-deċimali jistgħu jintwerew kif meqjus xieraq mill-impriża li tirrapporta weħidha jew mill-impriża omm apikali.

Każ fejn ir-rapport ikun ibbażat fuq l-istruzzjonijiet ta' rapportar għal finijiet ta' taxxa skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva 2011/16/UE:

— Informazzjoni relatata ma' impriżi meqjusa bħala mhux residenti fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa għal finijiet ta' taxxa għandha tiġi inkluża fil-linja "Il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra kollha fil-qasam tat-taxxa (bażi aggregata)".

Taqsima 3

Lista ta' sussidjarji u attivitajiet

Stat Membru jew ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa	Kodiċi tal-pajjiż	Isem ta' kull impriża sussidjarja fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa	Deskrizzjoni qasira tan-natura tal-attivitajiet fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa
1. Isem sħiħ tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni tat-taxxa A		Sussidjarja a Sussidjarja b Sussidjarja c	
2. Isem sħiħ tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni B fil-qasam tat-taxxa		Sussidjarja d Sussidjarja e Sussidjarja f	
3. ...	....	....	

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2952/oj

Struzzjonijiet speċifiċi ta' rapportar għat-Taqsima 3

Il-linji fit-tabella għandhom jikkorrispondu mal-linji żvelati fit-Taqsima 2 għal kull Stat Membru jew ġuriżdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa. Madankollu, it-tabella għat-Taqsima 3 ma għandhiex għalfejn tinkludi l-linja "Il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra kollha fil-qasam tat-taxxa (bażi aggregata)".

L-isem tal-impriżi sussidjarji fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa għandu jiġi ddivulgat għal kull sussidjarja kkonsolidata fir-rapporti finanzjarji tal-impriża omm apikali fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti, u ppreżentat fil-linja li tikkorrispondi għall-Istat Membru jew għall-ġuriżdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa li fihom tkun stabbilita dik is-sussidjarja. Stabbilimenti, postijiet fissi ta' negozju jew attivitajiet ta' negozju permanenti għajr dawk li joperaw permezz ta' sussidjarja ma għandhomx għalfejn jiġu żvelati.

Każ fejn ir-rapport ma jkunx ibbażat fuq l-istruzzjonijiet ta' rapportar għal finijiet ta' taxxa skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill2011/16/UE:

— Id-"Deskrizzjoni fil-qosor tan-natura tal-attivitajiet fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa" għandha titfassal abbażi tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE), filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet tal-grupp jew tal-kumpanija awtonoma fil-pajjiż kollu kemm hu. Pereżempju, meta jitqiesu l-attivitajiet kollha f'pajjiż partikolari, fejn dawn ikopru t-taqsimiet C u G tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006, it-test korrispondenti jkun: "manifattura / kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi".

Każ fejn ir-rapport ikun ibbażat fuq l-istruzzjonijiet ta' rapportar għal finijiet ta' taxxa skont it-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva 2011/16/UE:

— L-informazzjoni meħtieġa mil-linja intitolata "Deskrizzjoni fil-qosor tan-natura tal-attivitajiet fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa" għandha tiġi żvelata abbażi tal-lista li ġejja ta' attivitajiet kummerċjali ewlenin, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet kollha f'pajjiż partikolari:

  — Riċerka u żvilupp

  — Żamma jew ġestjoni tal-proprjetà intellettwali

  — Xiri jew akkwist

  — Manifattura jew produzzjoni

  — Bejgħ, kummerċjalizzazzjoni jew distribuzzjoni

  — Servizzi amministrattiv, maniġerjali jew ta' appoġġ

  — Provvista ta' servizzi lil partijiet mhux relatati

  — Finanzi tal-grupp intern

  — Servizzi finanzjarji regolati

  — Assigurazzjoni

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

— Żamma ta' azzjonijiet jew strumenti ta' ekwità oħra

— Inattiv

— Oħrajn

— Pereżempju: "Manifattura jew Produzzjoni / Bejgħ, Kummerċjalizzazzjoni jew Distribuzzjoni". Fil-każ fejn l-attivitajiet jiġu rrapportati bħala "Oħrajn", ma hija meħtieġa l-ebda deskrizzjoni ulterjuri.

Taqsima 4

Informazzjoni mħollija barra

Informazzjoni li tħalliet barra (jekk applikabbli) għal din is-sena finanzjarja:

.....

Informazzjoni li tħalliet barra fis-snin finanzjarji preċedenti, li tiġi ddivulgata f'din is-sena finanzjarja (jekk applikabbli):

.....

Struzzjonijiet speċifiċi ta' rapportar għat-Taqsima 4

Il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 48c(6) tad-Direttiva 2013/34/UE tista' tipprevedi l-kapaċità li l-informazzjoni titħalla barra temporanjament.

Meta l-informazzjoni titħalla barra f'waħda mit-tabelli stabbiliti fit-taqsima 2 jew 3, din għandha tiġi ddivulgata fl-ewwel kaxxa fit-Taqsima 4. Għal kull entrata li titħalla barra (jekk applikabbli), id-deskrizzjoni ta' tali entrata kif ukoll spjegazzjoni debitament motivata dwar ir-raġuni għall-ommissjoni għandhom jiġu pprovduti fil-kaxxa.

Għal informazzjoni li tkun tħalliet barra f'sena finanzjarja preċedenti u li tiġi ddivulgata fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għas-sena finanzjarja kurrenti, id-deskrizzjoni ta' kull entrata għandha tiġi pprovduta fit-tieni kaxxa fit-Taqsima 4, b'mod li tindika għal kull entrata ddivulgata s-sena finanzjarja li fiha l-informazzjoni tkun tħalliet barra.

Taqsima 5 (mhux obbligatorja)

Spjegazzjonijiet għal diskrepanzi materjali bejn it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u dik akkumulata

Spjegazzjonijiet dwar diskrepanzi materjali bejn l-ammonti ta' taxxa fuq l-introjtu dovuti matul is-sena finanzjarja rilevanti u l-ammonti ta' taxxa fuq l-introjtu mħallsa fuq bażi ta' flus kontanti kif iddivulgati fit-Taqsima 2, fejn applikabbli fil-livell tal-grupp, filwaqt li jitqiesu, fejn xieraq, l-ammonti korrispondenti li jikkonċernaw is-snin finanzjarji preċedenti:

.....

Struzzjonijiet speċifiċi ta' rapportar għat-Taqsima 5

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali applikabbli, jitħalla għad-diskrezzjoni tal-impriżi li jirrapportaw jekk jipprovdux tali informazzjoni jew le. Jekk ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni bħal din, din it-taqsima tista' titħalla barra. Din it-taqsima tissemma f'dan il-mudell komuni b'referenza għall-Artikolu 48c(7) tad-Direttiva 2013/34/UE.

ANNESS II

Speċifikazzjonijiet applikabbli ta' XBRL

1. L-impriżi għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL ikun validu fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni Inline XBRL 1.1 u li jkun konformi mar-Reġistru tal-Unitajiet ta' XBRL.

2. L-impriżi għandhom jipprovdu d-dokument ta' istanza Inline XBRL bħala fajl XHTML awtonomu. Id-dokument ta' istanza Inline XBRL jista' jkollu estensjoni ta'.html jew.xhtml meta jiġi ppreżentat.

3. L-impriżi għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza Inline XBRL josserva r-rekwiżiti tal-immarkar u tal-preżentazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

L-istandards XBRL huma miftuħa u liċenzjati liberament permezz tal-Ftehim dwar il-Liċenzja Internazzjonali XBRL. L-użu ta' trademarks irreġistrati XBRL huwa permess minn XBRL International f'konformità mal-Politika Internazzjonali dwar it-Trademarks XBRL.

ANNESS III

Regoli tal-immarkar u tal-preżentazzjoni

1. Meta tiġi ddivulgata informazzjoni dwar il-munita, għandhom jintużaw il-Kodiċijiet tal-Munita ISO 4217:2015 ([1]).

2. Meta tiġi rrapportata informazzjoni dwar il-kodiċi tal-pajjiż, għandhom jintużaw il-kodiċijiet tal-pajjiżi ISO 3166-1:2020 alpha-2 ([2]).

3. Meta tiġi rrapportata informazzjoni dwar id-dati, il-komponent tad-data għandu jsegwi d-data tal-ISO 8601-1:2019 fil-format UTC SSSS-XX-JJ ([3]).

4. L-impriżi għandhom jidentifikaw lilhom infushom fid-dokument ta' istanza Inline XBRL bl-użu ta' identifikaturi u skemi tal-entità tal-kuntest XBRL. L-identifikatur għandu jkun sekwenza ta' karattri li tippermetti l-identifikazzjoni unika tal-impriża li tirrapporta u għandu jikkorrispondi għall-isem tal-kumpanija omm apikali jew awtonoma kif iddivulgat fl-Anness I, it-Taqsima 1. B'deroga mit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, l-impriżi jistgħu jissostitwixxu l-isem b'wieħed mill-identifikaturi li ġejjin:

   (a) identifikatur uniku Ewropew (EUID) kif imsemmi fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

   (b) identifikatur ta' entità ġuridika konformi mal-ISO 17442, jew

   (c) numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa.

5. L-impriżi għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza Inline XBRL ikun fih data ta' impriża waħda, sabiex l-identifikaturi kollha tal-entità fil-kuntesti jkollhom kontenut identiku.

6. Meta jimmarkaw id-divulgazzjonijiet, l-impriżi għandhom jużaw l-element tat-tassonomija fundamentali bl-eqreb tifsira għat-tifsira tad-divulgazzjoni li tiġi mmarkata. Fejn jidher li jkun hemm għażla ta' elementi ta' tassonomija fundamentali, l-emittenti għandhom jagħżlu l-element bl-aktar tifsira u/jew ambitu stretti.

7. Meta jiddivulgaw il-fatti numeriċi, l-impriżi għandhom jużaw l-elementi numeriċi elenkati fit-tassonomija fundamentali u għandhom jiddivulgaw il-valuri eżatti għal tali fatti numeriċi mingħajr skalar. L-impriżi jistgħu japplikaw kwalunkwe preċiżjoni li jqisu xierqa.

8. Meta jimmarkaw id-divulgazzjonijiet, l-impriżi għandhom jużaw elementi mhux numeriċi elenkati fit-tassonomija fundamentali b'mod li dawn jimmarkaw id-divulgazzjonijiet kollha li jaqblu mat-tifsira tal-element rispettiv. L-impriżi ma għandhomx japplikaw il-markaturi parzjalment jew b'mod selettiv biss.

9. L-impriżi għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL ma jkun fih ebda kodiċi li jista' jiġi eżegwit.

([1]) https://www.iso.org/standard/64758.html.
([2]) https://www.iso.org/standard/72482.html.
([3]) https://www.iso.org/obp/ui/en/#iso:std:iso:8601:-1:ed-1:v1:en.
([4]) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni) (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj).

ANNESS IV

Elementi tat-tassonomija

Tabella 1

Didaskalija għat-tip u l-attributi ta' element

Tip ta' *data* / Attribut	Definizzjoni
transunt	jindika element ta' raggruppament jew intestatura
data	tindika li t-tip ta' element huwa *data*; id-dati huma entrati mhux numeriċi f'linja
istant jew durata	j/tindika li valur monetarju jew entrata numerika f'linja j/tirrappreżenta stokk (jekk istantanju) jew fluss (jekk fuq tul ta' żmien)
entrati f'linja	jirrappreżentaw elementi f'ringieli ta' tabella
tabella	tirrapreżenta l-bidu ta' struttura rrappreżentata permezz ta' tabella
test	jindika li t-tip ta' element huwa test (sekwenza ta' karattri alfanumeriċi); dan jintuża sabiex jimmarka biċċiet qosra ta' informazzjoni narrattiva; l-elementi tat-test huma entrati mhux numeriċi f'linja
blokka tat-test	tindika li t-tip ta' element huwa blokk ta' test; dan jintuża sabiex jimmarka biċċiet itwal ta' informazzjoni; il-blokki tat-test huma entrati mhux numeriċi f'linja
veru / falz	jindika li t-tip ta' element huwa dikjarazzjoni vera jew falza; dikjarazzjonijiet veri / foloz huma entrati f'linja mhux numeriċi
axis ittajpjat	jirrappreżenta proprjetà dimensjonali fi struttura tabulari, fejn il-format għal tali proprjetà dimensjonali huwa ddefinit fit-tassonomija u l-valur ta' tali proprjetà dimensjonali huwa pprovdut minn impriża fir-rapport
X	tindika li t-tip ta' element huwa monetarju (numru f'munita ddikjarata); dawn l-elementi huma entrati numeriċi f'linja
X.XX	tindika li t-tip ta' element huwa valur deċimalizzat; dawn l-elementi huma entrati numeriċi f'linja

Tabella 2

Lista ta' elementi tat-tassonomija

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
AccumulatedEarnings	X istantanju	Tikketta	Qligħ akkumulat	L-Artikolu 48(2)(h), id-Direttiva 2013/34/UE
AccumulatedEarningsOtherTaxJurisdictions	X istantanju	Tikketta	Qligħ akkumulat, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
Struzzjonijiet ApplicationOfOptionToReportInAccordanceWithTaxationReportingInstructions	Veru / Falz	Tikketta	Applikazzjoni tal-opzjoni ta' rapportar f'konformità mal-istruzzjonijiet tar-rapportar tat-tassazzjoni	L-Artikolu 48(3), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	L-għażla li jintużaw l-istruzzjonijiet ta' rappurtar imsemmija fit-Taqsima III, Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE hija applikata	
CountryCodeOfMemberStateOrTaxJurisdiction	Test	Tikketta	Kodiċijiet tal-pajjiż tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
CountryOfRegisteredOfficeOfUltimateParentUndertaking	Test	Tikketta	Pajjiż tal-uffiċċju rreġistrat tal-impriża omm apikali	
		VerboseLabel	Pajjiż fejn il-kumpanija omm apikali għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha	
DateOfEndOfFinancialYear	Data	Tikketta	Data ta' tmiem is-sena finanzjarja	L-Artikolu 48(2)(a), id-Direttiva 2013/34/UE
DateOfStartOfFinancialYear	Data	Tikketta	Data ta' bidu tas-sena finanzjarja	L-Artikolu 48(2)(a), id-Direttiva 2013/34/UE
DescriptionOfNatureOfActivitiesOfSubsidiaryUndertakingsInMemberStateOrTaxJurisdictionExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Deskrizzjoni tan-natura ta' attivitajiet tal-impriżi sussidjarji fi Stat Membru jew ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(2), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Deskrizzjoni qasira għal kull pajjiż tan-natura tal-attivitajiet fl-Istat Membru jew fil-ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa	

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
DisclosureOfInformationOmittedForPreviousFinancialYearsExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Divulgazzjoni tal-informazzjoni li tħalliet barra għas-snin finanzjarji preċedenti [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(6), id-Direttiva 2013/34/UE
DisclosureOfNamesOfSubsidiaryUndertakingsConsolidatedInFinancialStatementsOfUltimateParentUndertakingExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Divulgazzjoni tal-ismijiet tal-impriżi sussidjarji kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża omm apikali [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(2)(a), id-Direttiva 2013/34/UE
		TerseLabel	Isem l-impriżi sussidjarji kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża omm apikali	
DisclosureOfTypeOfInformationOmittedExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Divulgazzjoni tat-tip ta' informazzjoni li tħalliet barra [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(6), id-Direttiva 2013/34/UE
		TerseLabel	Informazzjoni mħollija barra	
DisclosureOfTypeOfInformationOmittedOtherTaxJurisdictionsExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Divulgazzjoni tat-tip ta' informazzjoni li tħalliet barra, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(6), id-Direttiva 2013/34/UE
		TerseLabel	Informazzjoni li tħalliet barra, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	
ExplanationOfAnyMaterialDiscrepanciesBetweenIncomeTaxPaidAndAccruedAbstract		Tikketta	Spjegazzjoni ta' kwalunkwe diskrepanza materjali bejn it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u akkumulata [transunt]	
ExplanationOfAnyMaterialDiscrepanciesBetweenIncomeTaxPaidAndAccruedExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Spjegazzjoni ta' kwalunkwe diskrepanza materjali bejn it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u akkumulata [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(7), id-Direttiva 2013/34/UE
ExplanationOfReasonForOmissionOfInformationExplanatory	Blokka tat-test	Tikketta	Spjegazzjoni tar-raġuni għall-ommissjoni ta' informazzjoni [blokka tat-test]	L-Artikolu 48(6), id-Direttiva 2013/34/UE
GeneralInformationAbstract		Tikketta	Informazzjoni ġenerali [transunt]	
IncomeTaxAccrued	Durata X	Tikketta	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata	L-Artikolu 48c(2)(f), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata – sena kurrenti	

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
IncomeTaxAccruedOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata – sena kurrenti, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	
IncomeTaxPaidOnCashBasis	Durata X	Tikketta	Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (fuq bażi ta' flus kontanti)	L-Artikolu 48c(2)(g), id-Direttiva 2013/34/UE
IncomeTaxPaidOnCashBasisOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (fuq bażi ta' flus kontanti), ġuriżdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
ListOfSubsidiariesAndActivitiesAbstract		Tikketta	Lista ta' sussidjarji u attivitajiet [transunt]	
ListOfSubsidiariesAndActivitiesLineItems		Tikketta	Lista ta' sussidjarji u attivitajiet [entrati f'linja]	
ListOfSubsidiariesAndActivitiesTable		Tikketta	Lista ta' sussidjarji u attivitajiet [tabella]	
NameOfMemberStateOrTaxJurisdictionTypedAxis	Axis ittajpjat	Tikketta	Isem tal-Istat Membru jew tal-ġuriżdizzjoni B fil-qasam tat-taxxa [axis ittajpjat]	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
NameOfSingleSubsidiaryPublishingNonEUUndertakingReport	Test	Tikketta	Isem u uffiċċju rreġistrat ta' impriża sussidjarja waħda li ppubblikat ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu ta' impriża li mhijiex irregolata mil-liġi ta' Stat Membru	L-Artikolu 48b(6)(b), id-Direttiva 2013/34/UE
NameOfSingleBranchPublishingNonEUUndertakingReport	Test	Tikketta	Isem u indirizz ta' fergħa waħda li ppubblikat ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu ta' impriża li mhijiex irregolata mil-liġi ta' Stat Membru	L-Artikolu 48b(6)(b), id-Direttiva 2013/34/UE
NameOfUltimateParentOfGroupOfStandaloneCompany	Test	Tikketta	Isem tal-impriża omm apikali ta' grupp / kumpanija awtonoma	L-Artikolu 48(2)(a), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Isem l-impriża omm apikali ta' grupp / ta' kumpanija awtonoma (imla skont l-istatuti jew ir-reġistru kummerċjali)	
NumberOfEmployees	X.XX istantanju	Tikketta	Numru ta' impjegati	L-Artikolu 48c(2)(c), id-Direttiva 2013/34/UE
NumberOfEmployeesOtherTaxJurisdictions	X.XX istantanju	Tikketta	Għadd ta' impjegati, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
OmittedInformationAbstract		Tikketta	Informazzjoni mħollija barra [transunt]	
OverviewOfAllocationOfElementsOnCountrybycountryBasisAbstract		Tikketta	Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-elementi fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż [transunt]	
OverviewOfAllocationOfElementsOnCountrybycountryBasisAllOther-TaxJurisdictionsAggregatedBasisAbstract		Tikketta	Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-elementi fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, il-ġuriżdizzjonijiet l-oħrajn kollha fil-qasam tat-taxxa (bażi aggregata) [transunt]	
OverviewOfAllocationOfElementsOnCountrybycountryBasisMem-berStateOrTaxJurisdictionAbstract		Tikketta	Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-elementi fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, Stat Membru jew ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa [transunt]	
OverviewOfAllocationOfElementsOnCountrybycountryBasisMem-berStateOrTaxJurisdictionLineItems		Tikketta	Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-elementi fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, Stat Membru jew ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa [entrati f'linja]	
OverviewOfAllocationOfElementsOnCountrybycountryBasisMem-berStateOrTaxJurisdictionTable		Tikketta	Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-elementi fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, Stat Membru jew ġuriżdizzjoni fil-qasam tat-taxxa [tabella]	
ProfitLossBeforeTax	Durata X	Tikketta	Profitt (telf) qabel it-taxxa	L-Artikolu 48c(2)(e), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu	
ProfitLossBeforeTaxOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Profitt (telf) qabel it-taxxa, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
		VerboseLabel	Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu, ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ReportingCurrency	Test	Tikketta	Munita tar-rapportar	L-Artikolu 48c(2)(a) u l-Artikolu 48(c)8, id-Direttiva 2013/34/UE
Dħul	Durata X	Tikketta	Dħul	L-Artikolu 48c(2)(d), id-Direttiva 2013/34/UE
		TerseLabel	Dħul	
RevenuesOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Dħul, ġurisdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	L-Artikolu 48(5), id-Direttiva 2013/34/UE
		TerseLabel	Dħul, ġurisdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	

Tabella 3

Lista ta' elementi tat-tassonomija addizzjonali

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
Assi	X istantanju	Tikketta	Assi tanġibbli barra flus u ekwivalenti ta' flus	
AssetsOtherTaxJurisdictions	X istantanju	Tikketta	Assi tanġibbli barra minn flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti, ġurisdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	
Kapital	X istantanju	Tikketta	Kapital dikjarat	
CapitalOtherTaxJurisdictions	X istantanju	Tikketta	Kapital iddikjarat, ġurisdizzjonijiet oħra fil-qasam tat-taxxa	
LanguageOfReport	Test	Tikketta	Lingwa tar-rapport	
PublicSubsidiesReceived	Durata X	Tikketta	Sussidji pubbliċi riċevuti	
PublicSubsidiesReceivedOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Sussidji pubbliċi riċevuti, ġuriżdizzjonijiet oħra tat-taxxa	
RevenuesRelated	Durata X	Tikketta	Dħul minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati	
RevenuesRelatedOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Dħul minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati, ġuriżdizzjonijiet oħra tat-taxxa	

Isem tal-element	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
RevenuesUnrelated	Durata X	Tikketta	Dħul minn tranżazzjonijiet ma' partijiet mhux relatati	
RevenuesUnrelatedOtherTaxJurisdictions	Durata X	Tikketta	Dħul minn tranżazzjonijiet ma' partijiet mhux relatati, ġuriżdizzjonijiet oħra tat-taxxa	